

32004D0437

L 154/66

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.4.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' April 2004

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/98/KE rigward il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għal-laħam frisk tat-tjur li jkun qiegħed jittransita jew jiġi maħżun temporanjament fil-Komunità

(innotifikata fid-dokument bin-numru C (2004) 1672)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/437/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, il-proċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾ b'mod partikolari t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 9(2) u (4)(ċ),

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE ⁽²⁾ tistabbilixxi l-ħtiġiet għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-laħam ikkapuljat u t-tħejjijiet tal-laħam inklużi l-importazzjonijiet fil-Komunità.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/572/KE ⁽³⁾ tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni tat-tħejjiet tal-laħam minn ċerti pajjiżi terzi.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/984/KE ⁽⁴⁾ tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni tal-laħam frisk tat-tjur minn ċerti pajjiżi terzi.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/585/KE ⁽⁵⁾ tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni tal-laħam mill-kaċċa selvaġġa u dik domestika u l-laħam tal-fenek minn ċerti pajjiżi terzi.

- (5) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE ⁽⁶⁾ tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq il-prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u ċerti disposizzjonijiet għat-transitu diġà pprovvdut fl-Artikolu 11 bħalma huwa l-użu tal-messaġġi bl-ANIMO u tad-dokument komuni veterinarju tad-dħul.

- (6) Madankollu, huwa meħtieġ, sabiex tiġi ssalvagwardata s-sitwazzjoni tal-mard fil-Komunità li jiġi żgurat ukoll illi l-kunsinni tat-tħejjiet tal-laħam li jkunu qegħdin jittransitaw minn ġol-Komunità, jikkonformaw ukoll mal-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali ta' l-importazzjoni li japplikaw għall-pajjiżi awtorizzati rigward l-ispeċi rilevanti interessati.

- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1979 li tfassal lista tal-pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, u li tistabbilixxi s-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika, u l-kondizzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ġol-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom ⁽⁷⁾, ġiet emendata dan l-aħħar għalbiex tinkludi l-kondizzjonijiet tat-transitu u deroga għat-transitu bejn ir-Russja b'riferiment għall-posti speċifiċi ta' l-ispezzjon fuq il-fruntieri nnominati għal dan il-għan ta' l-aħħar.

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, pġ.1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Rgolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122 tas-16.5.2003, pġ.1).

⁽²⁾ ĠU L 18, tat-23.1.2002, pġ.11.

⁽³⁾ ĠU L 200, ta' l-24.8.1995, pġ.38. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/58/KE (ĠU L 023, tat-28.1.2003, pġ.26.).

⁽⁴⁾ ĠU L 89, ta' l-4.4.1997, pġ.26. Deċiżjoni kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni 2004/212/KE (ĠU L 73, tal-11.3.2004, pġ.11).

⁽⁵⁾ ĠU L 133, ta' l-14.4.2000, pġ.26. Deċiżjoni kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni 2004/812/KE (ĠU L 73, tal-1.3.2004, pġ.16).

⁽⁶⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, pġ.9. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni (ĠU L 236, tat-23.9.2003, pġ.318).

⁽⁷⁾ ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, pġ.15. Deċiżjoni kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/nnn/KE (ĠU L nnn, ta' dd.xx.2004, pġ. nn).

- (8) Fid-dawl ta' l-esperjenza, jidher illi l-preżentazzjoni lill-posta ta' l-ispezzjon fuq il-fruntiera, skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE, tad-dokumenti oriġinali veterinarji stabbiliti fil-pajjiż terz ta' l-esportazzjoni sabiex titwettaq il-ħtieġa regolatorja tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni, mhix biżżejjed sabiex tiżgura illi jkunu sodisfatti b'mod effettiv il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali meħtieġa għall-introduzzjoni fis-sigurtà fit-territorju tal-Komunità tal-prodotti interessati. Huwa għalhekk approprijat li jiġi stabbilit kampjun speċifiku taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għalbiex jintuża fis-sitwazzjonijiet tat-transitu għall-prodotti interessati.
- (9) Huwa approprijat ukoll li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 79/78/KE, illi t-transitu huwa permess biss li jiddaħħlu fit-territorju tal-Komunità minn pajjiżi terzi li l-prodotti tagħhom mhumiex ipprojbati, billi jsir riferiment għall-lista tal-pajjiżi terzi annessa mad-Deċizzjonijiet 97/542/KE u 2000/585/KE rispettivament.
- (10) Madankollu l-kondizzjonijiet speċifiċi għat-transitu permezz tal-Komunità tal-kunsinni lejn u mir-Russja għandhom jiġu previsti minħabba s-sitwazzjoni ġeografika ta' Kaliningrad u billi jiqiesu l-problemi klimatiċi li jipprojbixxu l-użu ta' wħud mill-portijiet f'ċerti żminijiet tas-sena.
- (11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/881/KE⁽¹⁾ tfassal lista tal-posti ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntiera miftiehma għall-kontrolli veterinarji fuq l-annimali u l-prodotti mill-annimali minn pajjiżi terzi u huwa approprijat li jiġu speċifikati l-posti ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntiera nnominati għall-kontroll ta' dawn it-transiti filwaqt li titqies din id-Deċiżjoni.
- (12) Id-Deċiżjoni 2000/572/KEE għandha tiġi emendata kif jixraq,
- (13) Il-miżuri pprovvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOPTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/572/KE hija emendata kif ġej:

1. Jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

“Artikolu 4a

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-kunsinni tat-tiejjijiet tal-laħam għall-konsum mill-bniedem, introdotti għewwa t-territorju tal-Komunità u li jkunu ddestinati għal

pajjiż terz jew bi transitu immedjat jew wara l-ħażna skond l-Artikoli 12(4) jew 13 tad-Direttiva 97/78/KE, u mhux maħsuba għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea għandhom jikkonformaw mal-ħtieġiet li ġejjin:

- għandhom ikunu ġejjin mit-territorju ta' pajjiż terz jew minn parti minnu elenkati fil-parti 1 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE għall-importazzjoni tal-laħam frisk ta' dawn l-ispeċi jew elenkati fl-Anness I mad-Deċiżjoni 94/984/KE għall-importazzjoni tal-laħam frisk tat-tjur jew elenkati fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2000/585/KE għall-importazzjoni tal-laħam tal-fenek u dak tal-kaċċa;
- għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimali għall-ispeċi interessata ddikjarata f'wieħed miċ-ċertifikati mudell korrispondenti tas-saħħa ta' l-annimali mfassal fil-parti 2 ta' l-Anness II mad-Deċiżjoni 79/542/KEE għall-importazzjoni tal-laħam frisk, jew fl-Anness III mad-Deċiżjoni 2000/58/KE għall-importazzjoni tal-laħam tal-fenek jew tal-kaċċa;
- għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali stabbilit skond il-kampjun stabbilit fl-Anness III, iffirmit minn veterinarju uffiċjali tas-servizzi veterinarji kompetenti tal-pajjiż terz interessat;
- ikunu ċċertifikati bħala aċċettabbli għat-transitu jew għall-ħażna (kif approprijat) fuq id-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul mill-Uffiċjal Veterinarju fuq il-Posta ta' l-Ispezzjon ta' fuq il-Fruntiera tad-dħul.”

2. Jiddaħħal l-Artikolu 4b li ġej:

“Artikolu 4b

1. Bħala deroga mill-Artikolu 4a l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-transitu bit-triq jew bil-ferrovija minn ġol-Komunità, bejn il-posti tad-dwana ta' fuq il-fruntiera nnominati elenkati fl-Anness mad-Deċiżjoni 2001/881/KE, tal-kunsinni li jkunu ġejjin minn u ddestinati għar-Russja direttament jew permezz ta' pajjiż ieħor terz sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- il-kunsinna għandha tkun issiġillata b'siġill enumerat b'serje fuq il-posta ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntiera tad-dħul fil-Komunità Ewropea mis-servizzi veterinarji ta' l-awtorità kompetenti;
- id-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna u riferiti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom jiġu timbrati 'GĦAT-TRANSITU LEJN IR-RUSSJA BISS PERMEZZ TAL-KE' fuq kull paġna mill-uffiċjal veterinarju ta' l-awtorità kompetenti responsabbli mill-BIP;
- il-ħtieġiet proċedurali pprovvduti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom jiġu kkonformati magħhom;

⁽¹⁾ ĠU L 326, tal-11.12.2001, pġ. 44. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/273/KE (ĠU L 86, ta' l-24.3.2004, pġ.21).

- (d) il-kunsunna tiġi ċċertifikata bħala aċċettabbli għat-transitu fuq id-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul mill-Uffiċjal Veterinarju fuq il-Posta ta' l-Ispez-zjon ta fuq il-Fruntiera tad-dħul.
2. Ma għandhomx jiġu permessi l-ħatt jew il-ħażna, kif iddefiniti fl-Artikolu 21(4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, fuq it-territorju tal-KE għal dawn il-kunsinni.
3. Għandhom isiru verifiki regolari mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi żgurat illi n-numru tal-kunsinni u l-kwantitajiet tal-prodotti li jħallu l-Komunità Ewropea jaqbel man-numru u l-kwantitajiet li jidħlu.”
- 3) 4. Jiżdied l-Anness ġdid III skond l-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Mejju 2004.

L-Artikolu 1(1) u l-Anness għandhom jibdwu japplikaw biss mill-1 ta' Jannar 2005.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

"ANNEX III

Il-kampjun tat-TRANSITU/il-ĦAŻNA


1. Il-Kunsinnatur (l-Isem u l-indirizz sħaħ)	IĊ-ĊERTIFIKAT VETERINARJU għal-laħam frisk tat-tjur ⁽¹⁾ għat-transitu il-ħażna ⁽²⁾ ⁽⁷⁾ fil-Komunità Ewropea Nru ⁽¹⁾ L-ORIĠINAL																														
2. Id-Destinatariju (l-Isem u l-indirizz sħaħ)	3. L-Oriġini tat-tħejjija tal-laħam ⁽⁴⁾ 3.1. Il-Kodiċi ta' l-ISO u l-isem tal-pajjiż: 3.2. Il-Kodiċi tat-territorju:																														
5. Destinazzjoni masuba (it-transitu)(il-ħażna) ⁽⁷⁾ tat-tħejjija tal-laħam 5.1. Il-Ħażna fi: L-Istat Membru ta' l-UE: L-Isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment/i ⁽⁵⁾ ⁽¹⁰⁾ : 5.2. Id-Destinazzjoni finali tal-pajjiż terz wara t-transitu/il-ħażna ⁽¹⁰⁾ : L-Isem u l-indirizz tal-ħruġ mill-BIP tal-Komunità ⁽¹⁰⁾ :	4. L-awtorità kompetenti 4.1. Il-Ministeru: 4.2. Is-Servizz: 4.3. Il-Libell lokali/reġjonali:																														
7. Il-Mezzi ta' l-identifikazzjoni tat-trasport u tal-kunsinna ⁽⁶⁾ 7.1. (Trakk)/(Vagun tal-Ferrovija)/(Bastiment)/(Ajruplan) ⁽⁷⁾ 7.2. In-Numru/i tar-reġistrazzjoni, l-isem tal-bastiment jew in-numru tat-titjira:	6. Il-Post tat-tagħbija għall-esportazzjoni 7.3. Id-Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna ⁽⁸⁾ :																														
8. L-Identifikazzjoni tat-tħejjija tal-laħam 8.1. Il-Laħam minn: (Il-Laħam minn). 8.2. Il-kondizzjonijiet tat-tħejjija tal-laħam inkluża f'din il-kunsinna: imkessħa/iffriżata ⁽⁵⁾ 8.3. L-Identifikazzjoni individwali tat-tħejjija tal-laħam inkluża f'din il-kunsinna: <table border="1" style="width: 100%; border-collapse: collapse;"> <thead> <tr> <th colspan="5" style="text-align: center;">L-Indirizz ta' l-istabbiliment/i</th> </tr> <tr> <th style="text-align: center;">In-Natura tat-Tħejjijiet ⁽⁸⁾</th> <th style="text-align: center;">It-Tħejjija tal-laħam</th> <th style="text-align: center;">Il-Maħżen tal-kesħa</th> <th style="text-align: center;">In-Numru tal-pakkeġġi/biċċiet</th> <th style="text-align: center;">Il-Piż nett (kg)</th> </tr> </thead> <tbody> <tr> <td> </td> <td> </td> <td> </td> <td> </td> <td> </td> </tr> <tr> <td> </td> <td> </td> <td> </td> <td> </td> <td> </td> </tr> <tr> <td> </td> <td> </td> <td> </td> <td> </td> <td> </td> </tr> <tr> <td colspan="4" style="text-align: right;">It-Total</td> <td> </td> </tr> </tbody> </table>		L-Indirizz ta' l-istabbiliment/i					In-Natura tat-Tħejjijiet ⁽⁸⁾	It-Tħejjija tal-laħam	Il-Maħżen tal-kesħa	In-Numru tal-pakkeġġi/biċċiet	Il-Piż nett (kg)																It-Total				
L-Indirizz ta' l-istabbiliment/i																															
In-Natura tat-Tħejjijiet ⁽⁸⁾	It-Tħejjija tal-laħam	Il-Maħżen tal-kesħa	In-Numru tal-pakkeġġi/biċċiet	Il-Piż nett (kg)																											
It-Total																															

9. L-Attestat tas-Saħħa ta' l-Annimali

- Jiena, hawn taħt iffirmat, veterinarju uffiċjali, hawnhekk niċċertifika illi l-prodott mil-laħam frisk deskritt hawn fuq:
- 9.1. għej minn pajjiż jew reġjun awtorizzati għall-importazzjonijiet tal-laħam frisk ta' l-ispeċi interessata għewwa l-Komunità Ewropea kif stabbilit fil-parti 1 ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni 79/542/KEE u/jew il-parti 1 ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni 94/984/KE ⁽⁷⁾ u/jew l-Anness I mad-Deċiżjoni 2000/585/KE fil-waqt tal-qatla,
 - 9.2. jikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti tas-saħħa ta' l-annimali kif stabbilit fl-attestat tal-ħajja ta' l-annimali fiċ-ċertifikat/i mudell BOV/POR/OVI/EQU/RUF/RUĦ/SUF/SUW/EQW ⁽⁷⁾. Fil-parti 2 ta' l-Anness II mad-Deċiżjoni 79/542/KEE u/jew il-mudell A ⁽⁷⁾ jew B ⁽⁷⁾ tal-parti 2 ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni 94/984/KE ⁽⁷⁾ u/jew il-mudell C/D/E/H/I ⁽⁷⁾ ta' l-Anness III mad-Deċiżjoni 2000/85/KE u
 - 9.3. huwa dderivat minn tjur li għew maqtula u ppoċessati fi jew bejn il- ⁽⁹⁾.

It-timbru uffiċjali u l-firma

Magħmul fi fi



.....
(Il-Firma tal-veterinarju uffiċjali) ⁽¹¹⁾

.....
(-isem b'ittri kbar, il-kwalifiki u t-titolu)

Noti

- ⁽¹⁾ It-tħejijiet tal-laħam fit-tifsira ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 94/65/KE.
- ⁽²⁾ Skond l-Artikolu 12(4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE.
- ⁽³⁾ Maħruġ mill-awtorità kompetenti.
- ⁽⁴⁾ Il-Pajjiż u d-deskrizzjoni tat-territorju. Il-laħam fit-tħejija tal-laħam irid jiġi minn pajjiż jew reġjun awtorizzati għall-importazzjonijiet ta' l-ispeċi interessat għewwa l-KE kif stabbilit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2000/585/KE u/jew il-parti 1 ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni 94/984/KE u/jew il-parti 1 ta' l-Anness II mad-Deċiżjoni 79/542/KEE (kif l-aħħar emendati).
- ⁽⁵⁾ Għandhom jiġu inklużi l-indirizz (u n-numru ta' l-approvazzjoni jekk magħruf) tal-maħżen f'żona ħielsa, maħżen ħieles, maħżen tad-dwana jew bejjiegħ ta' l-oġġetti lill-bastimenti.
- ⁽⁶⁾ Għandhom jingħataw in-numru/i tal-vagun tal-ferrovija jew tat-trakk u l-isem tal-bastiment kif approprijat. Jekk magħruf, in-numru tat-titjira tal-vettura ta' l-ajru.
Fil-każ tat-trasport fil-kontenituri jew fil-kaxxi, għandhom jiġu indikati n-numru totali, ir-reġistrazzjoni u n-numri tas-siġilli tagħhom, jekk preżenti, skond il-punt 7.3.
- ⁽⁷⁾ Żomm kif approprijat.
- ⁽⁸⁾ Imla kif approprijat.
- ⁽⁹⁾ Id-Data jew id-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dawn it-tħejijiet tal-laħam ma għandhomx ikunu permessi meta t-tħejija tal-laħam tkun miksuba minn annimali maqtula jew qabel id-data ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea tat-territorju msemmi fin-nota (4) ta' qiegħ il-paġna, jew matul perjodu taż-żmien meta jkunu għew adottati l-miżuri restrittivi mill-Komunità Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju.
- ⁽¹⁰⁾ Imla kif approprijat.
- ⁽¹¹⁾ Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar. L-istess regola tapplika għat-timbri għajr daww ibbuzzati 'l barra jew bil-marka ta' l-ilma.